Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,946, 21 ta' Ottubru, 2022

Taqsima B

A.L. 266 tal-2022

ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (KAP. 452)

Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Impjegati Stazzjonati f'Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 48(2) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-Ministru responsabbli għal Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali, wara konsultazzjoni mal-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Impjegati Stazzjonati f'Malta u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Impjegati Stazzjonati f'Malta, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali". L.S. 452.82.

Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied ir-regolament ġdid li ġej:

"Informazzjoni addizzjonali għal ħaddiema stazzjonati.

6A. (1) Ħaddiem stazzjonat għandu jiġi nnotifikat ukoll dwar:

(a) ir-remunerazzjoni li għaliha l-ħaddiem huwa intitolat skont il-liġi applikabbli tal-Istat Membru ospitanti;

(b) fejn applikabbli, kwalunkwe allowance speċifika għall-istazzjonar u kwalunkwe arranġament biex jiġi rimborżat l-infiq fuq il-vjaġġi, l-ikel u l-akkomodazzjoni; u

(ċ) il-ħolqa għal websajt nazzjonali uffiċjali uniku żviluppat mill-Istat Membru ospitanti skont l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2014/67/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

(2) L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu (a) tas-subregolament (1) tista', fejn xieraq, tingħata f'forma ta' referenza għad-dispożizzjonijet speċifiċi ta' liġijiet, regolamenti u atti amministrattivi jew statutorji jew il-ftehimiet kollettivi li jirregolaw dik l-informazzjoni.

(3) Id-dispożizzjonijiet fis-subregolament (1) ma għandhomx japplikaw jekk it-tul ta' kull perjodu tax-xogħol barra mill-Istat Membru li fih soltu jaħdem il-ħaddiem ikun ta' erba' (4) ġimgħat konsekuttivi jew inqas.".